MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum it-3 ta' Mejju, 2018

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 549/2018/1LM

**Actif Limited (C74980)**

***vs.***

**Mtrace P.l.c. (C73299)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fis-6 ta' April, 2018.

Għad illi s-soċjetà intimata ġiet debitament notifikata bir-Rikors u bid-digriet tar-riappuntament wara li r-Rikors ġie riassenjat lil din il-Qorti kif preseduta, is-soċjetà intimata naqset li tippreżenta risposta u ma deher ħadd għaliha waqt l-udjenza tat-2 ta' Mejju, 2018 u ma deher ħadd biex jassistiha.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Mejju, 2018 fejn ir-Rikors tħalla għall-provvediment kamerali.

Peress li jirriżulta sufficjentement fil-livell ta' *prima facie* li l-ħruġ ta' dan il-Mandat huwa meħtieġ sabiex jiġu salvagwardjati l-pretensjonijiet tas-soċjetà rikorrenti.

Tipprovdi b'mod definittiv billi tilqa' t-talba u tordna l-ħruġ tal-opportun Mandat ta' Inibizzjoni kontra s-soċjetà intimata.

Spejjeż ta' din il-proċedura kontra s-soċjetà intimata.

Mogħti kameralment illum 3 ta' Mejju, 2018.